MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 318/2004/1

**C & L Calleja Trading Limited**

**vs**

**Sebastian Muscat**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Novembru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Gunju, 2004 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jirrifondi s-somma ta' elett elef lira Maltin (Lm3,000), rapprezentanti depozitu illi kien inghata lill-konvenut fil-5 ta' Novembru, 2003 skond ftehim li jgib l-istess data (Dok A) liema ftehim ma giex onorat minn naha tieghu meta huwa naqas illi jikkonsenja l-merca in

kwistjoni fit-terminu prefiss minnu. Nonostante illi gie nterpellat sabiex jirrifondi dan il-bilanc, inkluz permezz ta' varji nterpellanzi verbali kid ukoll legali datata 2 ta' Gunju, 2004 (Dok B), huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 2 ta' Gunju, 2004 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghax legali mill-5 ta' Novembru, 2003, cioe' d-data tal-ftehim, sal gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati billi huwa kien biss intermedjarju u ma dahalx fin-negozju de quo personalment.

2. Illi huwa ha hsieb li jsir in-negozju ma' persuni barranin biss biex jiffacilita u mhux bhala parti. Dawn il-persuni barranin kienu Tellis Aristoteles u Sakis Kouriefs.

3. Kienu dawn il-persuni li hadu l-flus in kwistjoni u dan jafuh tajjeb l-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza bejn il-partijiet hija dwar ir-rwol li l-konvenut assuma f'negozju ghall-bejgh ta' qarnit lis-socjeta' attrici jekk hux ta' responsabbilita' diretta jew ta' sensal.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut kien jaf lil zewg Ciprijotti li setghu ifornu kwantita' kbira ta' qarnit. Peress illi l-konvenut kien jaf lid-diretturi tas-socjeta' attrici, li kienu fin-negozju tal-hut, laqqa' lil dawn ic-Ciprijotti ma' Louis Calleja. Din il-laqgha saret u jidher illi bdew jigu diskussi

l-kondizzjonijiet ghall-bejgh ta’ din il-merkanzija. Pero’ ma kienx hemm qbil bejn Calleja u c-Ciprijotti dwar il-modalita’ tal-hlas. Filwaqt illi Calleja gustament beda’ jinsisti illi t-termini tal-hlas kellhom ikun CIF, ic-Ciprijotti nsistew illi jiehdu depozitu.

Peress illi Calleja ma kienx jaf dawn ic-Ciprijotti x’setghu isarrfu, dar fuq il-konvenut u allegatament qallu sabiex jerfa’ r-responsabbilita’ tan-negozju. Il-konvenut accetta u Calleja tah is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) permezz ta’ *cheque* illi ssarraf dik il-gurnata stess u skond il-konvenut il-flus inghataw f’Euros lic-Ciprijotti.

Bejn il-partijiet pero’ saret skrittura datata 5 ta’ Novembru, 2003 illi l-original taghha qeda esebita a fol. 30 tal-process. Minkejja dak kollu li nghad, il-merkanzija baqghet ma waslitx u peress illi s-socjeta’ attrici kienet tefghet ir-rersponsabbilita’ fuq il-konvenut, issa qeda tfittxu ghall-ammont ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) li kienet hallsitu.

Minn naha l-ohra, l-konvenut qieghed jghid illi huwa kien biss sensal, in-negozju sar bejn is-socjeta’ attrici u c-Ciprijotti u jekk din falliet ma kellux ikun responsabbli.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi originarjament id-diskors fuq in-negozju sar bejn is-socjeta’ attrici u c-Ciprijotti. Louis Calleja kien jaf li l-konvenut ma kienx fin-negozju u lanqas ma ghandu l-permess sabiex ibiegh il-hut (fol. 25) u sakemm id-diskors kien ghadu qed idur fuq il-modalita’ tal-hlas permezz ta’ CIF, Calleja kien ghadu qed jiddiskuti mac-Ciprijotti. Kien biss meta dawn insistew ghall-hlas ta’ depozitu, illi Calleja ried iwaqqaf in-negozjati peress illi ma riedx ihallas flus lil nies illi ma jafhomx. Pero’ l-konvenut ikkonvincih li jibqghu ghaddejjin bid-diskussjonijiet u accetta illi jiehu f’ismu c-*cheque* tad-depozitu ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000).

Il-Qorti jidhrilha pero', li l-accettazzjoni ta' dan id-depozitu ma kienx ifisser li l-modalita' tan-negozju kien ser jinbidel. Is-socjeta' attrici kienet taf illi s-sodisfazzjoni tan-negozju kellu jsir mic-Ciprijotti u mhux mill-konvenut, u filwaqt li dan ta' l-ahhar indahal li jgib in-negozju ghal quddiem, minn imkien ma jirrizulta illi huwa kien qed jerfa' r-responsabbilita' taghha.

Id-dokument a fol. 30 tal-process, filwaqt illi jghid li c-*cheque* tad-depositu kien ser ikun imhallas lil Sebastian Muscat, minn imkien ma jirrizulta illi dan ta' l-ahhar kien sejjer jassumi r-responsabilita' tan-negozju. Verament, id-dikjarazzjoni tal-hlas ma kellhiex ghalfejn issir, ladarba c-*cheque* hareg intestat fuq isem il-konvenut.

Pero', s-socjeta' attrici kienet taf sew is-sodifazzoni minn fejn kellu jigi. Il-profitt tan-negozju kellu jigi maqsum bejn is-socjeta' attrici u c-Ciprijotti u l-konvenut kellu jiehu biss dak illi haqqu bhala sensal, ghad illi huwa stess xehed illi kulma kien ser jiehu minn din il-bicca xoghol kien xi *drink*. Filwaqt li Louis Calleja ma jghid xejn dwar ir-renuminazzjoni jew il-profitt illi kellu jiehu l-konvenut minn din il-vigenda.

Ma hemmx dubju illi l-iskrittura a fol. 30 mhijiex miktuba b'mod professjonali u lanqas ma tirrifletti dak illi effettivament kellhom f'mohhhom il-partijiet. Il-Qorti, ghalhekk, trid tirrikorri ghat-taghlim tad-dritt Ruman illi jghid, "Interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat" : ghandha tinghata l-interpretazzjoni li l-ahjar tirrifletti l-intenzjoni tal-partijiet.

L-intenzjoni kienet li s-socjeta' attrici tixtri *conatiner* mimli qarnit minghand Ciprijotti u li Sebastian Muscat kellu jkun is-sensal f'din il-vigenda. Il-fatt li c-*cheque* gie intestat fuq isem il-konvenut, ma kienx ibiddel in-natura ta' dan in-negozju. Vera illi Louis Calleja jghid illi r-responsabbilita' taghha kellha tittiehed mill-konvenut, izda din qed tigi negata mill-konvenut li qed jinsisti illi huwa kien biss sensal.

Peress illi dak li qed jigi allegat mis-socjeta' attrici ma rrizultax mid-dokument illi fuqu qeghdin jibnu l-kaz taghhom, il-Qorti ma tistax tghid illi din ir-responsabbilita' ntrefghet legalment mill-konvenut. Hija haga certa li l-beneficjarji tat-tlett elef lira Maltin (Lm3,000) kienu c-Ciprijotti li jirrizulta mid-dokumenti illi c-*cheque* issarraf f'euros dakinhar stess u skond il-konvenut tahom lic-Ciprijotti. Zgur illi minn dawk il-flus il-konvenut ma ha xejn u ta' dan kienet ben konxja s-socjeta' attrici. Ir-riskju haditu hi u l-profitti kienet ser tohodhom hi. Mhux sew li issa li falla n-negozju, ddur fuq il-konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghat-telf taghha. In-negozju huwa hekk, jew tigik tajba jew tigik hazina, pero' r-responsabbiltajiet fiz-zewg cirkostanzi huma dejjem ta' min jiehu r-riskju.

F'dan il-kaz ir-riskju ttiehed mis-socjeta' attrici. Il-konvenut minn din il-bicca xoghol ma kien ser jiehu xejn, fl-ahjar ipotesi xi *commission* ghall-intromessjoni tieghu. Izda dan ma hadux ghax in-negozju ma sarx. Quindi t-telf ghandu jkun a karigu ta' min kien sejjer jiehu l-ikbar gwadan li kieku n-negozju sehh, u cioe' s-socjeta' attrici.

Ghalhekk, il-Qorti ma jidhirliex illi din is-socjeta' ghandha ragun tfittex lill-konvenut biex jaghmel tajjeb ghat-telf taghha.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha."

Koncizament, il-kontestazzjoni tas-socjeta` attrici kontra din is-sentenza hi dik li fil-fehma taghha l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta kkonkludiet li l-konvenut kien semplici sensal fin-negozju u allura ma kellux obbligu kuntrattwali li jirrifondi d-depozitu li kien inghata mal-firma tal-ftehim;

Indubbjament, il-kwestjoni devoluta lil din il-Qorti tinvolvi l-interpretazzjoni tan-negozju bejn il-partijiet, ko-involgenti anke terzi, l-iskrittura esebita a fol. 30 u l-intenzjoni komuni tal-partijiet. Essenzjalment, il-procediment ermenewtiku dirett ghall-accertament tal-qaghda guridika ezatta tan-negozju tikkonsisti minn zewg fazijiet. Il-wahda, konsistenti fir-ricerka u l-individwazzjoni tal-volonta` komuni tal-partijiet. Materja din ta' apprezzament tal-fatti rizervata ordinarjament lil Qorti li tkun qed tezamina l-mertu. L-ohra, konsistenti fl-applikazzjoni tan-normi guridici korrispondenti ghall-elementi tal-fatti accertati;

Il-versjonijiet tal-kontendenti kif jemergu mir-rizultanzi processwali huma kontrastanti. Hekk mentri ghal Louis Calleja, rapprezentant tas-socjeta` appellanti, kif korroborat minn martu Rita Calleja (fol. 28), huwa qatt ma kellu hsieb li jaghmel negozju dirett maz-zewg Ciprijotti li ressaqlu l-konvenut, dan ta' l-ahhar isostni li fl-affari huwa kien semplici "*middleman*", ghal liema prestazzjoni kien imwieghed "*drink*" (fol. 35). Dejjem skond ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici lic-Ciprijotti ma kienx jafdahom u, gjaladarba l-konvenut iddikjaralu li lest li jerfa' r-responsabilita` hu personalment, ghadda biex hallas id-depozitu inizzjali rikjest bir-rilaxx ta' *cheque* lill-konvenut, precedut mill-iskrittura ta' ftehim datata 5 ta' Novembru 2003 (fol. 30). Il-konvenut appellat jennega li hu ndahal personalment ghal konsenja tal-qarnit jew li offra ruhu bhala garanzija ghac-Ciprijotti. Jghid ukoll illi hu sarraf ic-*cheque* f' ewros li, imbaghad, ghadda lic-Ciprijotti;

Premessi dawn il-fatti probatorji, jibda biex jinghad, b' riflessjoni preliminari, illi l-kwalifika li l-partijiet joghgobhom jattribwixxu lill-ftehim ma tirrivesti ebda influwenza fuq l-interpretazzjoni guridika tieghu jekk ir-rapport negozjali formalment adottat jidher li hu inkongruwu, rispett ghar-realta` objettiva. Kif jinsab ritenut "*la natura di un contratto e gli effetti legali che ne risultano non si determinano dalla sua denominazione, o dalla qualita` assunta dai contraenti, ma dalla sostanza dello stesso e*

*dallo scopo che se ne ebbe stipulando, non che da altri atti che ne fanno riferenza se ve ne sono*" (**Kollez. Vol. XII pagna 348**). Fi kliem iehor, dak li jrid jigi ndagat huwa jekk l-iskrittura ta' ftehim (fol. 30) tikkorrispondix ghall-intenzjoni esterjorizzata tal-partijiet konkjuza b' dak il-ftehim fis-sens imfisser mis-socjeta` appellanti. Dan dejjem s' intendi in relazzjoni ghat-trattattivi u n-negozjati li saru;

M' hemmx kwestjoni illi l-iskrittura a fol. 30 giet sottoskritta wkoll mill-konvenut appellat. Din kienet tikkontjieni referenza ghall-merce intiza li tigi importata u konsenjata lis-socjeta` appellanti, il-valur taghha, il-hlas tad-depozitu lill-konvenut rikjamat lura mis-socjeta` appellanti bit-talba taghha, id-data ta' meta kellha ssir il-konsenja u l-kondizzjoni li riedet tkun fiha l-merce fil-mument tal-konsenja;

Ghall-ewwel Qorti din l-istess skrittura ma kienetx tistabbilixxi r-responsabilita` li kien sejjer jassumi l-konvenut ghan-negozju. Dan huwa sa certu punt veru. B' danakollu, dan ma jidherx li jibbasta biex jeskludi, imbaghad, dik ir-responsabilita`, jekk tezisti. Meta l-kitba hi inadegwata biex twassal ghal x' kienet l-intenzjoni tal-partijiet wiehed ikollu necessarjament jirrikorri ghall-imgieba komplessiva tal-partijiet li ffirmaw l-iskrittura. Dan billi, bhala oggett ta' valutazzjoni, jigu investigati mhux biss il-fazi konkluzjonali tal-ftehim imma, fuq kollox, il-fazi anterjuri ghall-istipulazzjoni u, fejn jokkorri, ukoll il-fazi posterjuri ghall-ftehim, jekk u meta l-imgieba ta' xi parti titqies parametru konvergenti u strumentali ghall-valutazzjoni ta' l-intenzjoni;

Minn dak trapelat mill-provi u l-accertament u l-apprezzament tal-kwestjonijiet u tar-riljievi fil-fazi tat-trattativi ghandu, fil-hsieb ta' din il-Qorti, jirrizulta li ghall-ewwel il-konvenut appellat ipprezenta tabilhaqq ruhu bhala intermedjarju bejn is-socjeta` appellanti u z-zewg Ciprijotti. Jidher pero` li sussegwentement, biex ma jigix

sfrattat in-negozju huwa ma baqax *sic et sempliciter* f’ din il-veste, anke jekk stess f’ dik l-istess veste ta’ intermedjarju, anke huwa assumma r-responsabilita` - jekk mhux ghall-importazzjoni u konsenja tal-merce *ut sic* - intiza li tinnewtralizza l-biza` u l-preokkupazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` appellanti li jitlaq flus minn idjejh lic-Ciprijotti, li hu ma kienx qed jafda bl-ezekuzzjoni ta’ l-affari. Responsabilita` din li fl-apparenza kienet mahsuba li tiggarantixxi ghall-adempiment fidil tan-negozju da parti tac-Ciprijotti u ghas-serhan tal-mohh tar-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti;

Kif saput, il-garanzija, anke jekk mhux bil-forma skritta jew b’ xi forma ohra sagramentali, bizzejjed li tkun espressa (Artikolu 1929, Kodici Civili). Issa huwa veru li, di regola, salv xi patt specjali, l-intermedjarju ma jwegibx ghall-ezekuzzjoni tan-negozju, imma jekk hu, imbaghad, biex jassikura r-rabta tan-negozju, jidhol biex jiggarantixxi l-adempiment tal-prestazzjoni huwa ghandu jwiegeb f’ kaz ta’ inadempjenza. Din il-Qorti hi ta’ l-opinjoni li l-iskrittura bejn il-kontendenti kienet intiza li tkopri din l-eventwalita`. Mod iehor, ma kienx hemm raguni ghalbiex il-konvenut appellanti, *qua* intermedjarju li jghid li kien, jingarba ruhu biex jissosttoskrivi ghall-ftehim li sar u li jircievi f’ ismu l-hlas tad-depozitu. Hemm imbaghad, kif dezunt mill-imgieba tal-konvenut appellat posterjuri ghall-ftehim u ghall-verifika accertata li c-Ciprijotti kienu harbu bil-flus, l-offerta li saret minn dan lir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti li hu jaghmel tajjeb ghan-nofs is-somma mhallsa bhala depozitu. Din id-dikjarazzjoni, mistqarra minn Louis Calleja (fol. 24), ma gietx zmentita mill-konvenut appellat. Ghall-Qorti, dan ukoll hu ndikattiv illi l-appellat kien konxju li hu kien assuma b’ responsabilita` personali li jiggarantixxi ghac-Ciprijotti, u li allura l-iskrittura kienet qed tirrispekkja din il-volonta` negozjali u espressa tieghu;

Fuq l-interpretazzjoni taghha tal-ftehim din il-Qorti jkollha tiddiskosta ruhha kompletament mill-konkluzjoni tal-Qorti nferjuri in kwantu din ma tikkorrispondix ghall-vera

ntenzjoni komuni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim tal-5 ta’ Novembru 2003 esebit a fol. 30.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u b’ hekk tirrevoka s-sentenza appellata.  Tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u b’ hekk tikkundanna lill-konvenut jirrifondilha s-somma reklamata ta’ tliet elef Lira Maltin (Lm3000), u bl-imghaxijiet kif mitluba.  L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------